

Brussell, 25 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

15151/22

LIMITE

ELARG 103  
COWEB 169  
COEST 862

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	COM(2022) 528 final
Suġġett:	TKABBIR U PROĊESS TA' STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI – Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Bil-ħsieb tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali li għandu jsir fit-13 ta' Diċembru 2022, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, kif propost mill-Presidenza wara diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE. It-taqsimha dwar il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tnejn mis-SEAE wara diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reġjun tal-Balkani tal-Punent.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddiskuti u jaqbel mat-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill, kif jinsab fl-[Anness](#).

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR**  
**U L-PROĊESS TA' STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI**

1. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2022 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE li fiha r-rapporti dwar il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija, il-Maċedonja ta' Fuq, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo\*, kif ukoll tirreferi għall-ewwel darba għall-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem: il-Moldova) u l-Georgia. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-realtà ġeopolitika l-ġdida jissottolinjaw l-importanza kbira tal-politika tat-tkabbir tal-UE bħala ankra b'saħħitha għall-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà fil-kontinent tagħna u prijorità strateġika.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill. Il-Kunsill ikompli jistenna li s-sħab jieħdu sjieda u juru l-kredibbiltà tal-impenni u r-rieda politika tagħhom permezz tal-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa u progress tanġibbli dwar il-prinċipji fundamentali. L-iżgurar ta' kisbiet solidi u irriversibbli fl-oqsma tal-istat tad-dritt, l-ekonomija, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, u r-riformi fl-amministrazzjoni pubblika jibqa' deċiżiv biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sħubija fl-UE u jirrappreżenta investment fit-tul fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà u l-istabbiltà fl-Ewropa. Il-Kunsill itenni li t-tħaddin ta' valuri fundamentali tal-UE u tal-perspettiva Ewropea u l-impenn lejhom huma għażla strateġika soda, essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. L-allinjament sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE huwa parti minn din l-għażla strateġika.

---

\* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3. Filwaqt li jfakkar fl-Aġenda ta' Tessalonika u d-Dikjarazzjonijiet ta' Sofija, Zagreb u Brdo, il-Kunsill itenni l-impenn sħiħ u inekwivoku tal-UE għall-perspettiva tas-sħubija fl-UE tal-Balkani tal-Punent. Il-futur tal-Balkani tal-Punent u ċ-ċittadini tagħhom jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea. L-UE ser tkompli ssaħħa u tintensifika l-impenn tagħha fil-livelli kollha biex tappoġġa t-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali tar-reġjun, inkluż permezz ta' [...] assistenza kontinwa bbażata fuq progress tanġibbli dwar l-istat tad-dritt u r-riformi soċjoekonomiċi, kif ukoll fuq l-aderenza tas-sħab mal-valuri, ir-regoli u l-istandards tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Kunsill qed jistenna b'interess l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment u l-Aġenda Ekoloġika u dik Diġitali għall-Balkani tal-Punent, it-tnejn għodod importanti biex jitnaqqas id-distakk soċjoekonomiku, jittejjbu l-infrastruttura u l-konnettività, u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tar-reġjun filwaqt li jinbnew ir-reżiljenza u l-indipendenza enerġetika. L-UE saħħet b'mod kostanti l-impenn politiku tagħha mal-Balkani tal-Punent, b'enfasi fuq oqsma ewlenin ta' interess konġunt bħall-migrazzjoni, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-ekonomija u s-suq uniku, l-enerġija, it-trasport u l-politika diġitali, is-saħħa, il-protezzjoni ċivili, il-politika soċjali, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll fuq l-affarijiet barranin, is-sigurtà u d-difiża.

Il-Kunsill jibqa' impenjat li jkompli jespandi dan l-impenn produttiv, kif muri l-aktar reċentement mis-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent f'Tirana fis-6 ta' Diċembru [u d-Dikjarazzjoni ta' Tirana] [li s-sħab kollha allinjaw magħha].

It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni f'ħafna oqsma ta' interess konġunt.

4. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza storika tad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2022 li tirrikonoxxi l-perspettiva Ewropea u li tagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Ukrajna u lill-Moldova. Il-Kunsill Ewropew bl-istess mod irrikonoxxa l-perspettiva Ewropea tal-Georgia u kkonferma r-rieda tiegħu li jagħti lill-pajjiż status ta' kandidat ladarba l-prijoritajiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għas-sħubija tagħha jkunu ġew indirizzati.

5. Il-futur tal-Ukrajna, il-Moldova u l-Georgia u taç-çittadini tagħhom jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
6. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isforzi konsiderevoli li għamlet l-Ukrajna fix-xhur reċenti biex tilħaq l-oġġettivi li jirfdu l-istatus ta' kandidat tagħha għas-sħubija fl-UE. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi ta' riforma tal-Ukrajna fi żminijiet tant diffiċli, u jinkoraġġixxi lill-pajjiż biex ikompli f'din it-triq u jissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu għas-sħubija sabiex javvanza lejn sħubija futura fl-UE.

It-Tmien Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna f'Settembru 2022 ħa nota tal-pjan ta' azzjoni mħejji mill-Ukrajna dwar l-implimentazzjoni tal-passi inklużi fl-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea, laqa' l-progress li sar, u ssottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tfejji pjan direzzjonali li jiddeskrivi l-passi li jmiss biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni settorjali mal-Ukrajna, inkluż l-integrazzjoni gradwali tal-Ukrajna fis-suq intern tal-UE, bħala parti mill-pjan ta' azzjoni prijoritarju aġġornat għal implimentazzjoni msaħħa taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva UE-Ukrajna (DCFTA).

7. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-isforzi konsiderevoli tal-**Moldova** u jinkoraġġixxi lill-pajjiż biex ikompli bl-aġenda tiegħu ta' riforma u jissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu għas-sħubija sabiex javvanza lejn sħubija futura fl-UE. Il-Kunsill jagħmel enfasi fuq l-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni settorjali tal-UE mal-Moldova. Il-Kunsill jistenna b'interess li jsir s-Seba' Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Repubblika tal-Moldova malajr kemm jista' jkun.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-passi li ttieħdu mill-**Georgia**, kif enfasizzat ukoll fis-Seba' Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia f'Settembru 2022. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Georgia biex tkompli fit-triq tagħha ta' riforma u biex tindirizza bis-sħiħ il-prijoritajiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għas-sħubija sabiex tingħata status ta' kandidat. Il-Kunsill jagħmel enfasi fuq l-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni settorjali tal-UE mal-Georgia.

9. Il-Kunsill ifakkar li l-Kummissjoni ġiet mistiedna tirrapporta dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjonijiet rispettivi għas-sħubija bħala parti mill-pakkett tat-tkabbir regolari tagħha fl-2023. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mistiedna biex fir-rebbiegħa tal-2023 tipprovdi lill-Kunsill aġġornament dwar it-tweġiq tal-passi speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni, sabiex tingħata aktar gwida għall-progress.
10. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen u tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li għadu l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa, f'konformità mal-kunsens imġedded tal-2006 dwar it-tkabbir, għal kondizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha stess, inkluż il-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-metodoloġija riveduta tat-tkabbir issa qed tiġi applikata għall-erba' pajjiżi li qed jinneogzjaw: il-Montenegro, is-Serbja, l-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq, biex b'hekk il-proċess tal-adeżjoni huwa aktar iffukat fuq riformi fundamentali, aktar prevedibbli u bbażat fuq kriterji oġġettivi u kondizzjonalità pożittiva u negattiva rigoruża, kif ukoll riversibbiltà. Huwa jistenna b'interess li jesplora l-potenzjal sħiħ tagħha, b'mod partikolari l-integrazzjoni aċċellerata u d-"dħul gradwali" għall-politiki individwali tal-UE, is-suq tal-UE u l-programmi tal-UE, filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.
11. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2022, il-Kunsill jilqa' u jinkoraġġixxi l-avvanz ulterjuri tal-integrazzjoni gradwali bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab diġà matul il-proċess ta' tkabbir b'mod riversibbli u bbażat fuq il-mertu. Filwaqt li huwa impenjat li jagħmel progress sinifikanti f'dan il-qasam, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri li diġà ttieħdu f'dan ir-rigward, f'konformità mal-għan ta' integrazzjoni aċċellerata kif stabbilit mill-metodoloġija riveduta tat-tkabbir. Il-Kunsill jieħu nota tal-immappjar tal-miżuri ta' integrazzjoni eżistenti u potenzjali u jistenna b'interess li jeżamina proposti għal implimentazzjoni ulterjuri ta' tali miżuri, b'mod partikolari f'oqsma ta' interess reċiproku.

12. Filwaqt li jqis l-istat ġenerali tal-isforzi attwali ta' riforma fost is-sħab, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jikkonċentraw fuq ir-**riformi fundamentali** biex jindirizzaw għadd ta' nuqqasijiet strutturali persistenti fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali inkluż il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fuq il-kriterji ekonomiċi. Rekords tajbin u sostnuti ta' implimentazzjoni ta' **riformi u riżultati konkreti u tanġibbli** f'dawn l-oqsma kruċjali għadhom essenzjali, u għadhom jiddeterminaw ir-ritmu ġenerali tan-negozjati tal-adeżjoni.
13. Il-Kunsill itenni li l-**istat tad-dritt** huwa valur fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE, aspett kruċjali tat-trasformazzjoni demokratika li tinsab fil-qalba kemm tal-Proċess ta' Tkabbir kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u l-punt ta' riferiment ewlieni li fil-konfront tiegħu jiġi vvalutat il-progress lejn is-sħubija fl-UE. Għalhekk huwa essenzjali li l-progress tal-imsieħba f'dan il-qasam ikun sod, tanġibbli u irriversibbli. Filwaqt li jilqa' il-progress li sar minn xi sħab f'dan il-qasam, il-Kunsill jinnota bi tħassib serju li n-nuqqasijiet ġenerali irrappurtati jikkonfermaw li dan huwa wieħed mill-isfidi ewlenin. In-nuqqas ta' progress kredibbli għadu jorbot ma' nuqqas ġenwin ta' rieda politika, nuqqasijiet fil-funzjonijiet ġudizzjarji u l-indipendenza tagħhom, u korruzzjoni mifruxa u kriminalità organizzata: dan kollu huwa ta' tħassib rikorrenti li jenħtieġ jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijorità għolja. F'konformità mal-metodoloġija riveduta, il-politika kontra l-korruzzjoni qed tiġi integrata permezz ta' enfasi qawwija fil-kapitoli u r-raggruppamenti rilevanti. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist pubbliku, li huwa wieħed mill-oqsma l-aktar vulnerabbli għall-korruzzjoni.

14. Il-Kunsill jinnota bi tħassib li l-biċċa l-kbira tan-nuqqasijiet irrappurtati s-sena l-oħra fil-qasam tal-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali** għadhom fil-biċċa l-kbira validi, u f'xi każijiet saħansitra marru għall-aġar. Filwaqt li l-qafas ta' politika qed jiġi implimentat gradwalment, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, għad hemm lakuni sistemiċi. Huma meħtieġa b'mod urġenti miżuri kredibbli u ġenwini inkluż implimentazzjoni xierqa biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet. Il-liġijiet eżistenti għandhom jinżammu wkoll fil-prattika. Ta' tħassib partikolari huma n-nuqqasijiet relatati mad-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet u t-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, u l-persuni lezbbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (**LGBTI**) u persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali. Rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Kunsill isostni li għandhom jiġu żgurati l-emanċipazzjoni u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u l-bniet. Is-sitwazzjoni rigward il-**libertà tal-espressjoni, il-libertà u pluraliżmu tal-media** – kollha kemm pilastru ewlenin ta' soċjetà demokratika – għadha inkwetanti ħafna, bi progress limitat jew ebda progress, u f'każ wieħed saħansitra rigress serju kontinwu. Theddid, intimidazzjoni, attakki mmirati lejn il-media, ġurnalisti u atturi oħra tal-media għandhom jiġu investigati u indirizzati b'mod reżolut. L-iżgurar tal-pluraliżmu, l-indipendenza tal-korpi ta' monitoraġġ tal-media u t-trasparenza tal-finanzjament tal-media huma meħtieġa wkoll biex tiġi salvagwardjata l-indipendenza tal-media u jiġu evitati inċitamenti bla bżonn għall-awtoċensura.
15. **Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika** tibqa' sfida ewlenija ġenerali. Filwaqt li jilqa' eżempji ta' riformi pożittivi, pereżempju fit-twassil tas-servizzi diġitali, il-Kunsill jinnota l-ħtieġa għad-depolitizzazzjoni u ż-żieda tar-responsabbiltà u l-professjonaliżmu fil-livelli kollha.

16. Il-funzjonament xieraq u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet demokratiċi – element essenzjali ta' demokrazija li jiffunzjonaw tajjeb u kondizzjoni kruċjali għall-adeżjoni mal-UE – għadhom sfida urġenti għall-biċċa l-kbira tas-sħab. Il-Kunsill jinnota bi tħassib serju li n-nuqqas ta' rieda politika ġenwina ser tibqa' raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' progress sostanzjali f'dan il-qasam. Polarizzazzjoni politika qawwija u nuqqas ta' djalogu bejn il-partiti qed jostakolaw jew jimminaw il-funzjonament tajjeb tas-sistemi demokratiċi u l-istituzzjonijiet tagħhom. Minbarra djalogi politiċi aktar inklużivi u kostruttivi, il-Kunsill jinnota l-importanza ta' dispożizzjonijiet li jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili joperaw liberament u jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika b'modi inklużivi u sinifikanti. Il-Kunsill ifakkar li l-progress f'dan il-qasam huwa marbut ukoll mal-progress effettiv tar-riforma f'oqsma fundamentali oħra, b'mod partikolari l-istat tad-dritt.
17. Fir-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, il-Kunsill jilqa' u jikkondividi l-analiżi tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu aċċellerati r-riformi strutturali biex jitrawwem l-irkupru sostenibbli kif ukoll biex jiġi żgurat l-issodisfar tal-kriterji ekonomiċi għas-sħubija fl-UE. It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għal xokkijiet esterni u ż-żieda fis-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija saru saħansitra aktar kruċjali wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-livelli għoljin ta' faqar jibqgħu problema fis-sħab kollha, u dan jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-infiq soċjali mmirat. L-UE ttenni l-impenn tagħha għal kooperazzjoni u assistenza kontinwi, b'mod partikolari billi ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-involvement tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-miżuri tal-UE sabiex jittaffa l-impatt negattiv tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari f'oqsma kruċjali bħas-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija u t-theddid ċibernetiku. Il-pakkett ta' appoġġ għall-enerġija tal-UE għall-Balkani tal-Punent huwa ta' importanza partikolari, u jgħin biex jittaffew il-konsegwenzi immedjati tal-kriżi tal-enerġija fuq dawk l-aktar vulnerabbli filwaqt li javvanza t-tranżizzjoni u d-diversifikazzjoni tal-enerġija.
- L-UE tkompli tappoġġa lis-sħab u tipprovdi assistenza b'mod partikolari lil dawk allinjati bis-sħiħ mal-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

18. It-titjib tal-kompetittività, l-ambjent tan-negozju u l-approfondiment tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali jżidu b'mod sinifikanti t-tkabbir ekonomiku u l-attraenza tas-sħab bħala destinazzjonijiet għall-investimenti. Għas-sħab tal-Balkani tal-Punent, il-finalizzazzjoni tas-**Suq Reġjonali Komuni tal-Balkani tal-Punent** hija partikolarment importanti. Il-Kunsill itenni li r-riforma foqhma fundamentali oħra għadha essenzjali għall-irkupru u l-iżvilupp ekonomiku kif ukoll l-isforzi biex jindirizzaw il-korruzzjoni, jittejjeb l-istat tad-dritt, tissaħħaħ it-trasparenza u jissaħħu l-istituzzjonijiet u d-djalogu soċjali huma ta' benefiċċju wkoll għall-ekonomiji. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' trasparenza sħiħa tal-investimenti kollha, b'mod partikolari dawk li jinvolvu proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-isfruttar tal-potenzjal ekonomiku tas-sħab għadu jirrikjedi wkoll l-implimentazzjoni tar-riformi stabbiliti fil-Programmi ta' Riforma Ekonomika u fil-gwida politika adottata b'mod konġunt mal-Istati Membri tal-UE. L-isforzi biex tiġi żgurata l-istabbiltà fiskali u biex il-baġits jitqarrbu lejn strutturi aktar orjentati lejn it-tkabbir jenħtieġ li jkomplu, inkluż billi jiġu promossi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kruċjali u l-iżvilupp tal-kapital uman.
19. L-**Aġenda Ekoloġika u l-konnettività sostenibbli** huma kruċjali għal irkupru sostenibbli u li jibqa' validu fil-futur, li ser ikunu ta' benefiċċju kemm għan-negozji kif ukoll għall-pubbliku ġenerali. Il-Kunsill isostni l-ħtieġa kruċjali li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-ambizzjonijiet tal-UE relatati mal-klima, li jitħaffef l-allinjament mal-*acquis* tal-UE u li tissaħħaħ l-implimentazzjoni fit-tranżizzjoni għal ekonomiji newtrali għall-klima, reżiljenti, sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.
20. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-sħab biex jimplementaw bis-sħiħ il-miżuri inklużi fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija tal-24 ta' Mejju 2022, abbażi tal-Programmi ta' Riformi Ekonomiċi rispettivi tagħhom. Il-Kunsill ifakkar li l-UE għadha bil-wisq l-aktar sieħeb ekonomiku importanti tal-Balkani tal-Punent u tat-Turkija.

21. **Ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u l-kooperazzjoni reġjonali** għadhom elementi essenzjali tal-Proċess ta' Tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar u jtenni l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali. L-istabbiliment tas-**Suq Reġjonali Komuni tal-Balkani tal-Punent** - miftuħ, inklużiv u bbażat fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE - jibqa' kruċjali biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-potenzjal tar-reġjun u tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment, u huwa pass 'il quddiem lejn aktar integrazzjoni fis-Suq Uniku tal-UE. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehimiet reċenti dwar il-Libertà tal-Moviment b'Karti tal-Identità, dwar ir-Rikonossiment tal-Kwalifiki tal-Edukazzjoni Għolja, u dwar ir-Rikonossiment tal-Kwalifiki Professionali għal Tobba tal-Mediċina, Dentisti u Arkitetti.
22. Għadhom meħtieġa sforzi deċiżivi biex jitravmu **r-rikonċiljazzjoni u l-istabbiltà reġjonali**, inkluż l-istabbiliment ta' soluzzjonijiet definittivi għat-tilwim bilaterali bejn is-sħab u l-kwistjonijiet li għandhom l-għeruw tagħhom fil-legat tal-passat, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni, u l-każijiet li fadal ta' persuni nieqsa u kwistjonijiet ta' delitti tal-gwerra. Il-Kunsill itenni li m'hemm l-ebda post għaċ-ċaħda tal-ġenoċidji, retorika infjammatorja jew glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra, minn ebda naħa. Għandhom jiġu evitati dikjarazzjonijiet u azzjonijiet li għandhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u fuq is-soluzzjoni paċifika għat-tilwim. Jenħtieġ li l-ftehimiet bilaterali eżistenti, inkluż il-ftehim ta' Prespa bejn il-Maċedonja ta' Fuq u l-Greċja u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni bejn il-Maċedonja ta' Fuq u l-Bulgarija, jiġu implimentati b'rieda tajba.

23. Minħabba r-realtà ġeopolitika l-ġdida wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill jissottolinja bil-qawwa l-importanza li tiġi approfondita aktar il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u l-aspettattivi tal-Unjoni dwar is-sħab biex jallinjaw mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, aspett ewlieni tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE u espressjoni b'saħħitha tal-ġhażla strateġika u l-post ta' sieħeb f'komunità ta' valuri. Dan huwa partikolarment rilevanti għal kwistjonijiet fejn hemm involuti interessi komuni ewlenin, bħal miżuri restrittivi f'din il-konġunzjoni ġeopolitika kritika. Il-Kunsill għalhekk jilqa' u jfaħħar lill-biċċa l-kbira tas-sħab għall-allinjament sod tagħhom, filwaqt li jappella lil dawk li għadhom ma għamlux dan biex itejbu b'mod deċiżiv l-allinjament tagħhom inkluż dwar miżuri restrittivi, u jevitaw azzjonijiet li jmorru kontra l-oġettiv iddikjarat tagħhom li jissieħbu fl-UE. Il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hija ta' importanza kbira.

**It-theddid ibridu** sar saħansitra aktar serju sa mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna. L-attivitajiet ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni inkluż id-diżinformazzjoni għandhom l-għan li jisfidaw il-kredibbiltà tal-UE, jimminaw il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet demokratiċi u japprofondixxu l-polarizzazzjoni u d-diviżjonijiet etniċi. Il-Kunsill ifakkar fil-kooperazzjoni dejjem akbar tiegħu mas-sħab biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu, b'mod partikolari dwar ir-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċibersigurtà, inkluż il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u s-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija. L-UE ser tkompli tapprofondixxi din il-kooperazzjoni u l-appoġġ tagħha lis-sħab. F'dan il-kuntest, il-**komunikazzjoni strateġika** u l-ġlieda kontra l-manipolazzjoni tal-informazzjoni jibqgħu ta' importanza essenzjali. Il-Kunsill jappella lis-sħab kollha biex jikkomunikaw b'mod ċar il-benefiċċji u l-obbligi tat-triq tagħhom lejn l-UE, kif ukoll l-impenn tagħhom stess għall-valuri tal-UE u r-riformi meħtieġa relatati.

24. It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata għadhom ta' theddida serja għas-sigurtà tal-UE u tas-sħab kollha. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, il-Kunsill itenni l-importanza li titkompla u tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni fil-**għlieda kontra t-terroriżmu**, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-forom kollha ta' radikalizzazzjoni – kemm jekk ta' natura reliġjuża, etnonazzjonalista jew politika – fejn huma meħtieġa aktar sforzi. Filwaqt li jinnota xi riżultati pożittivi, il-Kunsill jinnota li għadhom meħtieġa aktar sforzi u rekord sod dwar kundanni finali u qbid u konfiska ta' assi kriminali fil-**għlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li s-sħab kollha jieħdu azzjoni soda u immedjata fil-għlieda kontra l-kriminalità u l-qerda tal-**korruzzjoni**, peress li n-nuqqas ġenerali ta' riżultati sinifikanti jżid ir-riskju ta' rigress u jikkontribwixxi wkoll għal sentiment ta' impunità u inugwaljanza. Jenħtieġ li kwalunkwe miżura li tista' tikkomprometti jew iddgħajjef l-allinjament mal-*acquis* u l-politiki tal-UE, inkluż il-proċeduri u l-miżuri tal-UE mmirati lejn il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tintemm mingħajr dewmien.
25. Il-**migrazzjoni irregolari** għadha sfida ewlenija, u l-għlieda kontra faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar ta' migranti jibqgħu prijoritajiet importanti. Għadhom meħtieġa kooperazzjoni u koordinazzjoni sostnuti mas-sħab tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. Il-Kunsill ifaħħar lis-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-kooperazzjoni ġeneralment kostruttiva u għall-isforzi kontinwi tagħhom u lit-Turkija għat-tkomplija tal-isforzi tagħha biex tospita popolazzjoni kbira ħafna ta' refuġjati. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza kruċjali li s-sħab jarmonizzaw il-politiki tagħhom dwar il-viżi mal-politika tal-UE dwar il-viżi, u li jallinjaw b'mod urġenti mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi suġġett għar-rekwiżit ta' viża.
26. Il-Kunsill ifakkar fl-**assistenza finanzjarja u teknika kontinwa u sostanzjali tal-UE** għall-Proċess ta' Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-għodod eżistenti għall-bini tal-istituzzjonijiet bħall-Ġemellaġġ u t-TAIEX għall-għoti ta' appoġġ immirat lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tas-sħab kollha.

## TKABBIR

### MONTENEGRO

27. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar sa issa fin-negozjati dwar l-adeżjoni, bit-33 kapitolu taħt eżami analitiku kollha miftuħa u tliet kapitoli magħluqa proviżorjament. Il-prijorità assoluta għal aktar progress fin-negozjati dwar l-adeżjoni, u qabel ma kapitoli oħra jkunu jistgħu jingħalqu b'mod proviżorju, għadha **t-twettiq tal-punti ta' riferiment interim fir-rigward tal-istat tad-dritt li jinsabu fil-kapitoli 23 u 24**. Kif stabbilit fil-Qafas ta' Negozjar, il-progress f'dawn il-kapitoli huwa essenzjali u ser ikompli jiddetermina l-pass tan-negozjati tal-adeżjoni b'mod ġenerali.

Il-Kunsill huwa mħasseb dwar il-volatilità politika u l-instabbiltà tal-gvern li kkawżaw tnaqqis fir-ritmu tan-negozjati tal-adeżjoni. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar id-deċiżjoni tal-Parlament li jemenda l-prerogattivi tal-President permezz tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni skont il-proċedura ta' urġenza u jissottolinja li l-atti leġiżlattivi kollha jridu jkunu konformi mal-kostituzzjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha fil-Montenegro biex juru responsabbiltà u jegħlbu l-polarizzazzjoni u jappellalhom biex joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tkompli taggrava l-kriżi istituzzjonali u ddgħajjef l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż. Il-partijiet ikkonċernati politiċi Montenegrini għandhom jibnu kunsens sabiex l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-amministrazzjoni meħtieġa biex jintlaħaq l-oġettiv ewlieni ddikjarat tal-Montenegro tal-integrazzjoni mal-UE jerġgħu jibdew jaħdmu. Il-Kunsill jidentifika dawn li ġejjin bħala l-aktar riformi importanti u urġenti li l-Montenegro għandu jwettaq.

28. Il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa urġenti li l-funzjonament u l-kredibbiltà tal-korpi ġudizzjarji ewlenin jinġiebu lura għal li kienu, b'mod partikolari l-ħatriet pendenti għall-Qorti Kostituzzjonali, u li tiġi indirizzata l-implimentazzjoni staġnata ta' riformi ġudizzjarji essenzjali. L-indipendenza tal-istituzzjonijiet ewlenin, b'mod partikolari tal-ġudikatura, jeħtieġ li tissaħħaħ. Il-Kunsill jenfasizza li riforma elettorali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ODIHR tibqa' essenzjali għat-tisħiħ tal-qafas demokratiku. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro biex iżid l-isforzi tiegħu b'mod partikolari foqsmà kritiċi **bħal-libertà tal-espressjoni u l-media**, u **l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata**. Filwaqt li jirrikonoxxi l-progress li sar, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jittejjeb ir-rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, kundanni finali, u ta' sekwestru u konfiska ta' assi kriminali tal-Montenegro.

Il-Kunsill jappella wkoll lill-Montenegro biex itemm mingħajr dewmien kwalunkwe skema jew miżura li tista' tikkomprometti jew iddghajef l-allinjament mal-*acquis* u l-politiki tal-UE.

29. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota l-irkupru qawwi u t-tkabbir stabbli tal-ekonomija u l-programmi ambizzjużi ta' riforma fiskali mmirati biex jappoġġaw l-irkupru wara l-pandemija u miżuri oħra li jtaffu l-piż fuq l-unitajiet domestiċi minn prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel li qed jogħlew. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Montenegro biex jimplimenta riformi strutturali, inaqas id-dejn pubbliku u jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-governanza fiskali u t-trasparenza.

30. Il-Kunsill japprezza l-impenn kostruttiv kontinwu tal-Montenegro lejn l-iżvilupp ulterjuri tal-**kooperazzjoni reġjonali** u l-promozzjoni ta' **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**.

31. Il-Kunsill ifaħħar bil-qawwa lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ kostanti u li ilu għaddej tiegħu mal-**Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, inkluż fuq il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Montenegro fit-triq tiegħu lejn l-UE. Huwa jilqa' wkoll il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Montenegro f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE skont il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.

## SERBJA

32. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-**progress ġenerali** li sar sa issa fin-negozjati dwar l-adeżjoni, fejn minn 35 kapitolu ta' negozjar infetħu 22, u 2 kapitolu nġhalqu proviżorjament. Madankollu, ir-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jridu jergġġu jiksbu l-momentum. Il-Kunsill ikompli jissottolinja li l-progress f'dawn l-oqsma, kif ukoll fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tas-Serbja mal-Kosovo, kif stipulat fil-Qafas ta' Negozjar, jibqa' essenzjali u ser jiddetermina r-ritmu tan-negozjati tal-adeżjoni b'mod ġenerali.
33. Filwaqt li jilqa' l-fatt li l-Gvern il-ġdid tas-Serbja afferma l-integrazzjoni tal-UE bħala l-għan strateġiku tiegħu, il-Kunsill jisħaq li jeħtieġ li jittieħdu azzjonijiet. B'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill jistenna li s-Serbja turi impenn inekwivoku lejn l-UE u tiddefendi l-prinċipji u l-valuri komuni tagħna. Il-Kunsill jappella wkoll lill-awtoritajiet Serbi biex jikkomunikaw b'mod oġġettiv u mhux ambigwu dwar l-UE, u biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-prevenzjoni u fl-indirizzar tal-forom kollha ta' diżinformazzjoni u manipolazzjoni tal-informazzjoni minn barranin fuq l-istazzjonijiet kollha tal-media.
34. Il-Kunsill jinnota l-progress li sar mis-Serbja f'xi oqsma tal-istat tad-dritt iżda wkoll il-progress ġenerali limitat u d-dewmien kontinwu f'għadd ta' oqsma oħra. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-Serbja biex turi rieda politika li taċċellera aktar ir-riformi u tagħti rezultati konkreti u tanġibbli fl-**oqsma fundamentali**. Il-Kunsill jidentifika dawn li ġejjin bħala l-aktar riformi importanti u urġenti li s-Serbja għandha twettaq.
35. Is-Serbja għandha tiffoka fuq l-issodisfar tal-punti ta' riferiment interim għall-kapitolu 23 u 24, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni riveduti għal dawn il-kapitolu. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-approvazzjoni b'suċċess tal-emendi Kostituzzjonali mmirati lejn it-tisħiħ tal-indipendenza tal-ġudikatura u jissottolinja l-importanza li tkompli l-implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-indipendenza u l-effiċjenza ġenerali tal-ġudikatura jeħtieġ li jittejbu. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li s-Serbja turi rieda politika u żżid l-isforzi tagħha fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jeħtieġ ukoll li s-Serbja tikseb rezultati tanġibbli u rekord konvinċenti b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali, iffriżar u konfiska ta' assi kriminali effettivi, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus.

36. Il-Kunsill jappella lis-Serbja biex timplimenta b'mod effettiv il-pjan ta' azzjoni tagħha għall-istrateġija tal-media bħala kwistjoni ta' prijorità, filwaqt li tirrispetta l-kliem u l-ispirtu tal-obiettivi tal-istrateġija tal-media. Il-Kunsill itenni t-tħassib serju tiegħu dwar in-nuqqas ta' progress fit-titjib tal-ambjent ġenerali għal-**libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-media, li jħalli impatt ukoll** fuq il-possibbiltajiet tal-votanti li jagħmlu għażliet elettorali infurmati bis-sħiħ, u jappella lis-Serbja biex tindirizza dan it-tħassib serju bħala kwistjoni ta' urġenza.
37. Jeħtieġ li s-Serbja tkompli tagħti attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi fis-Serbja kollha. Għad hemm bżonn ta' titjib tanġibbli fl-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu tal-lingwi minoritarji, u l-aċċess għall-media u s-servizzi reliġjużi fil-lingwi minoritarji. Il-ħidma attiva fuq investigazzjonijiet u kundanni għal delitti mmotivati mill-mibegħda tibqa' prijorità. Hu meħtieġ ukoll aktar titjib fir-rispett tad-drittijiet tal-persuni LGBTI, inkluż id-dritt tagħhom għal-libertà ta' għaqda u ta' espressjoni, kif deher fit-trattament mill-awtoritajiet Serbi tal-EuroPride 2022. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-avveniment fl-aħħar mill-aħħar seħħ u li ma seħħ ebda inċident kbir.
38. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat il-**funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet demokratiċi**. Il-Kunsill jinnota li s-Serbja indirizzat xi rakkomandazzjonijiet li ilhom jeżistu mill-OSKE/ODIHR qabel l-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari bikrija li saru fl-2022, u jilqa' tajjeb il-fatt li l-forzi politiċi kollha pparteċipaw fl-elezzjonijiet. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-libertajiet fundamentali kienu fil-biċċa l-kbira rispettati matul il-kampanja iżda jinnota l-kondizzjonijiet mhux ugwali għall-kontestanti. Il-Kunsill jappella lill-gvern Serb il-ġdid biex jieħu azzjoni rapida u determinata dwar l-implimentazzjoni tar-riformi li ddewmu minħabba l-proċess elettorali twil.

39. Il-Kunsill ikompli jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali b'sinifikat fit-trattament domestiku ta' **delitti tal-gwerra**, bis-soluzzjoni tal-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u kooperazzjoni shiġha mal-Mekkaniżmu Internazzjonali li Jeżerċita s-Setgħat Residwi tal-Qrati Kriminali, inkluż billi jiġu aċċettati u implimentati b'mod shiġh is-sentenzi u d-deċiżjonijiet tiegħu, bħala kwistjoni ta' urġenza. M'għandu jkun hemm l-ebda appoġġ u spazju pubbliku għal kriminali tal-gwerra kkundannati u lanqas għall-glorifikazzjoni jew iċ-ċaħda tad-delitti tagħhom.
40. Fir-rigward tar-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-progress kontinwu li sar fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq operattiva. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja biex tintensifika r-riformi strutturali tal-amministrazzjoni pubblika u l-intrapriżi tal-istat, b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi tal-istat fis-settur tal-enerġija. Il-Kunsill jagħraf li s-Serbja żammet il-livell ta' tħejjija tagħha dwar il-punti ta' riferiment tal-ftuħ fil-ġabra 3 (Kompetittività u tkabbir inklużiv) u ser ikompli l-valutazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.
41. Filwaqt li jieħu nota pożittiva tal-appoġġ tas-Serbja għar-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kif ukoll passi rilevanti oħra, il-Kunsill jiddispaċih ħafna għar-rigress tas-Serbja fl-allinjament mal-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, b'mod partikolari non-allinjament mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-Belarusja, kif ukoll l-azzjonijiet ta' politika barranija tagħha li jmorru kontra l-approċċ komuni tal-UE. Il-Kunsill jissottolinja l-aspettattiva qawwija tiegħu li s-Serbja tissodisfa l-impenn tagħha meħud fil-Qafas ta' Negożjar, u li żżid l-allinjament tagħha mal-**pożizzjonijiet Esteri u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u l-miżuri restrittivi** bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Il-Kunsill jilqa' b'mod pożittiv il-parteċipazzjoni attiva kontinwa u l-kontribut importanti tas-Serbja f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE taħt il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.

42. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li s-Serbja tissodisfa l-impenn tagħha li tallinja ruħha mal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi. Filwaqt li [...]jilqa' l-passi pożittivi meħuda mis-Serbja fit-tweqqi ta' dan l-impenn, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa għal sforzi kontinwi f'dan il-qasam, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw migrazzjoni irregolari jew riskju għas-sigurtà għall-UE.
43. Dwar id-Djalogu ffaċilitat mill-UE, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-kontinwazzjoni tad-Djalogu, u jfaħħar lir-Rappreżentant Għoli u r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent għall-impenn tagħhom. Il-Kunsill jistenna li s-Serbja tinvolvi ruħha fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE in bona fide u fl-ispirtu ta' kompromess biex jinkiseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mal-Kosovo dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE mingħajr aktar dewmien. Dan il-ftehim għandu jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Dan huwa kruċjali sabiex is-Serbja u l-Kosovo jkunu jistgħu jadvanzaw fil-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-Ewropa. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-ftehimiet kollha tal-passat jiġu rispettati u implimentati b'mod sħiħ mingħajr dewmien, u li l-Partijiet jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv biex isolvu t-tilwim bilaterali kollu tagħhom. Il-Kunsill jappella liż-żewġ Partijiet biex joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u provokattivi li jistgħu jwasslu għal tensjonijiet u vjolenza, u minn retorika li ma twassalx għal djalogu. Il-Kunsill ifakkar liż-żewġ Partijiet fir-responsabbiltà kondiviża tagħhom li jiżguraw il-paċi u l-istabbiltà.
44. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li s-Serbja żammet l-impenn tagħha f'għadd ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali u jinkoraġġixxi lis-Serbja biex tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u tikkontribwixxi għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni mas-sħab kollha fir-reġjun.

## TURKIJA

45. Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021 innota l-interess strateġiku tal-Unjoni Ewropea f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. It-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran jeħtieġ li jiġi sostnut. L-UE tibqa' lesta li tinvolvi ruħha mat-Turkija b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, soġġett għal kondizzjonalitajiet stabbiliti.

Fid-dawl taż-żieda reċenti fit-tensjonijiet, il-Kunsill ifakkar li l-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022 esprima tħassib serju dwar azzjonijiet u dikjarazzjonijiet ripetuti mit-Turkija, u żied jgħid li t-Turkija għandha tirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Kunsill Ewropew, filwaqt li fakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u fid-dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2021, stqarr li jistenna li t-Turkija tirrispetta bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, tnaqqas it-tensjonijiet fl-interess tal-istabbiltà reġjonali fil-Lvant tal-Mediterran, u tippromwovi relazzjonijiet tajbin ta' viċinat b'mod sostenibbli.

46. Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew rilevanti kollha, il-Kunsill għadu impenjat li jibqa' jkollu djalogu miftuħ u sinċier, li jindirizza l-isfidi komuni u li jikkoopera f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt bħall-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-saħħa pubblika, il-klima u kwistjonijiet reġjonali. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon it-tkomplija tad-Djalogi ta' Livell Għoli bejn l-UE u t-Turkija dwar diversi minn dawn il-kwistjonijiet.

47. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi sinifikanti kontinwi tat-Turkija biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' kważi erba' miljun refuġjat. L-assistenza kontinwa tal-UE lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti ġiet żgurata fil-ħin. **Id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016** għadha tagħti riżultati. Il-Kunsill ifakkar li l-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021 appella lit-Turkija biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, inkluż fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru. Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri, il-prevenzjoni tal-wasliet irregolari kif ukoll l-issoktar tar-ritorni, għadhom prijoritajiet, f'konformità mad-dritt internazzjonali u tal-UE. L-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE jibqgħu essenzjali.

48. Il-Kunsill itenni t-ħassib serju tiegħu dwar ir-rigress ulterjuri u inkwetanti ħafna fl-oqsma **tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.**

In-nuqqas sistemiku tal-indipendenza u l-pressjoni bla bżonn fuq il-ġudikatura għadhom sors ta' ħassib serju, bħalma huma r-restrizzjonijiet, id-detenzjonijiet, il-priġuneriji li għaddejjin bħalissa, u miżuri oħra li għandhom fil-mira tagħhom ġurnalisti, akkademiċi, membri tal-partiti politiċi, inkluż deputati parlamentari, avukati, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, utenti tal-media soċjali u persuni oħra li jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom. Il-Kunsill huwa mħasseb li l-Liġi dwar id-Diżinformazzjoni li għadha kif ġiet adottata tista' tkompli trażżan il-libertà tal-espressjoni u l-media indipendenti fit-Turkija.

Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza tar-rispett tal-legalità u l-integrità tal-proċess elettorali, b'mod partikolari fl-isfond tal-ġhadd kbir ta' arresti, tkeċċijiet u sostituzzjonijiet ta' sindki muniċipali eletti demokratikament, u l-immirar ta' partiti tal-oppożizzjoni u l-membri tagħhom.

Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex treġġa' lura b'mod urġenti x-xejriet negattivi f'dawn l-oqsma kollha u tindirizza b'mod kredibbli l-ħafna nuqqasijiet serji identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni, f'konformità mal-impenji internazzjonali tat-Turkija.

It-Turkija għandha tintensifika wkoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tiegħu, tindirizza r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħhom, timplimenta bis-sħiħ il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem li t-Turkija hija parti għalihom, kif ukoll teżegwixxi s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 46 tal-KEDB. In-nuqqas kontinwu tat-Turkija li timplimenta d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iqajjem mistoqsijiet serji dwar l-impenji tat-Turkija għall-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, u għall-obbligi internazzjonali tagħha.

49. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill jinnota t-tħassib serju li jippersisti dwar il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq tal-pajjiż. Id-dgħufijiet istituzzjonali u fil-koordinazzjoni tal-politika mminaw il-kredibbiltà u l-effettività tal-azzjonijiet tal-awtoritajiet, u l-iżbilanċi żdiedu b'mod sinifikanti, u dan irriżulta f'instabbiltà fis-suq finanzjarju, żieda fl-inflazzjoni, lira mdgħajfa u aktar faqar. L-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji, notevolment il-Bank Ċentrali, hija ta' importanza partikolari.

Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-ħtieġa li t-Turkija tindirizza l-obbligi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**Unjoni Doganali UE-Turkija**, filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni effettiva tagħha għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill jiddispijaċih dwar id-devjazzjonijiet kontinwi u estensivi tat-Turkija mill-obbligi tagħha taħt l-Unjoni Doganali UE-Turkija, u jfakkar li l-ostakli għall-kummerċ jew l-ekwivalenti tagħhom li mhumiex konformi magħha, għandhom jitneħħew mingħajr dewmien.

50. Il-Kunsill ifaħħar lit-Turkija għar-rwol kostruttiv tagħha fl-iffaċilitar tal-esportazzjoni taċ-ċereali Ukreni.

51. Madankollu, il-Kunsill jiddispijaċih ferm dwar in-nuqqas ta' allinjament tat-Turkija mas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja. Il-Kunsill jissottolinja l-aspettattiva qawwija tiegħu li t-Turkija żżid l-allinjament tagħha mal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni** tal-UE u l-miżuri restrittivi bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza kbira tal-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE adottati b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna li t-Turkija tiżgura ċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti, inkluż oġġetti b'użu doppju, fl-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija b'rispett sħiħ ta' dawk il-miżuri restrittivi.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib profond li l-politika barranija tat-Turkija dejjem aktar qed tmur kontra l-prijoritajiet tal-UE skont il-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni**. F'konformità mal-interess komuni tal-UE u t-Turkija fil-paċi u l-istabbiltà reġjonali, il-Kunsill jistenna li t-Turkija u l-atturi kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għar-risoluzzjoni tal-kriżijiet reġjonali.

Il-Kunsill ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

52. Il-Kunsill għadu jistenna li t-Turkija timpenja ruħha b'mod inekwivoku għal **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, ftehimiet internazzjonali u għas-soluzzjoni paċifika ta' tilwim, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

Il-Kunsill, kif iddikjarat f'konklużjonijiet preċedenti, jappella lit-Turkija biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Qafas ta' Negozjar, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni lejn l-Istati Membri kollha. Il-Kunsill itenni li r-rikonnoxximent tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Jenħtieġ li t-Turkija twaqqaf kull theddida u azzjoni ta' dannu għar-relazzjonijiet tajba ta' viċinat, tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranità tal-Istati Membri kollha tal-UE fuq il-baħar territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, inkluż fost l-oħrajn id-dritt li jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

53. L-UE għadha impenjata għalkollox għal soluzzjoni komprensiva tal-**problema ta' Ċipru**. Tfakkar li għadu kruċjali f'dan ir-rigward li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal soluzzjoni paċifika, inkluż l-aspetti esterni tagħha, fil-qafas tan-NU, abbażi ta' federazzjoni bikomunitarja u biżonali b'ugwaljanza politika, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE u l-acquis. L-UE ser tkompli taqdi rwol attiv fl-appoġġ tal-proċess.

Il-Kunsill jikkundanna l-azzjonijiet unilaterali kontinwi tat-Turkija fir-rigward ta' **Varosha** li jmorru kontra r-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u jfakkar fl-importanza tal-istatus ta' Varosha u l-ħtieġa ta' rispett sħiħ għar-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari r-Risoluzzjonijiet 550, 789 u 1251. Il-Kunsill jappella bl-istess mod għat-treġġiġh lura immedjat ta' dawn l-azzjonijiet u t-treġġiġh lura tal-passi kollha li ttieħdu f'Varosha minn Ottubru 2020. Il-Kunsill ifakkar b'rabta ma' dan fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021.

54. Il-Kunsill jinnota b'dispaċir li t-Turkija qed tkompli titbiegħed aktar mill-Unjoni Ewropea, u jfakkar fil-konklużjoni preċedenti tiegħu fejn ġie nnotat li n-negozjati tal-adeżjoni tat-Turkija effettivament waqfu u l-ebda kapitolu ieħor ma jista' jiġi kkunsidrat għall-ftuħ jew l-għeluq.

## MAĊEDONJA TA' FUQ

55. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir it-**tnedija tal-proċess ta' negozjati tal-adeżjoni** tal-Maċedonja ta' Fuq waqt l-ewwel konferenza intergovernattiva fid-19 ta' Lulju 2022: rikonoxximent ċar tal-progress miksub mill-Maċedonja ta' Fuq dwar l-avvanz tal-aġenda ta' riforma tal-UE u dwar il-kisba ta' riżultati tanġibbli u sostnuti.
56. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ukoll il-fatt li l-Kummissjoni diġà avvanzat il-ħidma tagħha biex twettaq il-proċess ta' eżami analitiku tal-acquis tal-UE (**skrinjar**) u jistenna b'interess it-tlestija ta' dan il-proċess.
57. Wara l-elezzjonijiet lokali li saru f'Ottubru 2021, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa ta' rieżami komprensiv tal-**leġislazzjoni elettorali** u l-importanza li l-awtoritajiet ikomplu jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-OSKE/ODIHR u l-Kummissjoni ta' Venezja.
58. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li sar xi progress fil-qasam tal-**elementi fundamentali** u b'mod partikolari fil-qasam tal-**istat tad-dritt**, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, iżda huma meħtieġa aktar sforzi. Il-Kunsill jilqa' b'ferħ ukoll l-impenn tal-gvern li jsostni u jaċċellera l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE. Is-sostenibbiltà ta' dawn ir-riformi strutturali hija proċess fit-tul, li jeħtieġ impenn kontinwu kemm mill-gvern kif ukoll mill-oppożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ lill-partiti kollha fil-parlament biex ikomplu jaħdmu flimkien b'mod kostruttiv u biex jibnu kunsens bejn il-partiti li jiffoka fuq li jsiru passi konkreti fil-proċess ta' negozjar u li jinżamm il-momentum attwali tar-riforma. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza fit-tfassil tal-politika, l-inklużività tal-proċessi ta' konsultazzjoni u l-komunikazzjoni effettiva tal-proċess ta' negozjar.

59. Fil-qasam tal-**ġudikatura**, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir li sar xi progress permezz tal-implimentazzjoni kostanti tal-istrateġija ta' riforma ġudizzjarja. Abbażi tal-progress li diġà sar, huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jiġu żgurati l-indipendenza, il-professjonaliżmu u l-imparzjalità tas-sistema ġudizzjarja. Il-Kunsill jinnota l-isforzi kontinwi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż għal każijiet ta' livell għoli. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata implimentazzjoni sistematika tal-pjan ta' azzjoni aġġornat għall-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja li tiżdied l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tar-riżorsi umani għall-ġudikatura u l-prosekuzzjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-istituzzjonijiet ikkonċernati jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Istat għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni li b'mod proattiv kompliet il-ħidma tagħha u fetħet diversi każijiet, inkluż kontra uffiċjali ta' livell għoli.

Il-Kunsill jappella lill-Maċedonja ta' Fuq biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli ssaħħaħ **id-drittijiet fundamentali, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni**.

60. Il-Kunsill jinnota li sar progress limitat fil-qasam tar-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**. L-iżgurar tar-rispett għall-prinċipji tat-trasparenza, il-mertu u r-rappreżentanza ekwitabbli jibqa' essenzjali.

61. Il-pajjiż implimenta riforma komprensiva tas-**servizzi tiegħu ta' intelligence u ta' sigurtà**. Il-Kunsill itenni li l-kapaċità ta' sorveljanza parlamentari fuq is-servizzi ta' intelligence għandha bżonn tissaħħaħ.

62. Il-Kunsill jilqa' b'mod pożittiv il-fatt li l-Maċedonja ta' Fuq għadha taqdi rwol attiv u kostruttiv fil-ġestjoni tal-flussi mħallta ta' **migrazzjoni** billi tikkoopera b'mod effettiv mal-pajjiżi ġirien u l-Istati Membri tal-UE. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Maċedonja ta' Fuq tissodisfa l-impenn tagħha li tallinja ruħha mal-politika tal-UE dwar il-viżi.

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar tal-Ftehim dwar l-Istatus tal-Gwardji Ewropej tal-Fruntiera u tal-Kosta bejn l-UE u l-Maċedonja ta' Fuq.

63. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Maċedonja ta' Fuq biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tissodisfa ulterjorment ir-rekwiżiti tas-suq intern tal-UE u biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni.
64. Il-Kunsill jilqa' tajjeb il-fatt li ċ-ċensiment tal-2021 issa tlesta u jieħu nota tar-riżultati.
65. **Relazzjonijiet tajbin ta' viċinat** u l-**kooperazzjoni reġjonali** għadhom elementi essenzjali tal-proċess ta' tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jinkisbu riżultati tanġibbli u li jiġu implimentati b'rieda tajba ftehimiet bilaterali mill-partijiet kollha.
66. Il-Kunsill ifaħħar bis-sħiħ lill-Maċedonja ta' Fuq għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ tagħha mal-**Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, inkluż dwar il-miżuri restrittivi tal-UE – sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Maċedonja ta' Fuq fit-triq tagħha lejn l-UE. Huwa jilqa' bi pjaċir ukoll il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Maċedonja ta' Fuq f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE skont il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**.

## ALBANIJA

67. Il-Kunsill jilqa' bil-ferħ it-**tnedija tal-proċess ta' negozjati tal-adeżjoni tal-Albanija** waqt l-ewwel konferenza intergovernattiva mal-Albanija fid-19 ta' Lulju: rikonoxximent ċar tal-progress miksub mill-Albanija dwar l-avvanz tal-aġenda ta' riforma tal-UE u dwar il-kisba ta' riżultati ta' riforma tanġibbli u sostnuti.
68. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ukoll il-fatt li l-Kummissjoni diġà avvanzat il-ħidma tagħha biex twettaq il-proċess ta' eżami analitiku tal-acquis tal-UE (**skrinjar**) u l-Kunsill jistenna b'interess it-tlestija ta' dan il-proċess.
69. Wara l-**elezzjonijiet** parlamentari f'April 2021, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-awtoritajiet ikomplu jindirizzaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-OSKE/ODIHR. Il-Kunsill ifakkar li djalogu politiku inklużiv u kostruttiv fil-pajjiż jibqa' kruċjali sabiex ikompli jsir progress fil-momentum tar-riforma. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza fit-tfassil tal-politika, l-inklużività tal-proċessi ta' konsultazzjoni u l-komunikazzjoni effettiva tal-proċess ta' negozjar.
70. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Albanija għamlet progress fil-qasam tal-**elementi fundamentali**, u b'mod partikolari fil-qasam tal-**istat tad-dritt**, speċifikament bl-implimentazzjoni tar-riforma komprensiva tal-ġustizzja, li avvanzat b'mod kostanti, u bit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata. Il-Qorti tal-Istruttura Speċjalizzata għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata tat diversi deċiżjonijiet finali importanti dwar uffiċjali għolja tal-istat. L-isforzi biex jiġi stabbilit rekord solidu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata jeħtieġ li jiġu intensifikati, inkluż flivell għoli. L-implimentazzjoni ta' verdetti finali tal-qorti tibqa' essenzjali. Il-pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja għandu jiġi implimentat aktar.

Il-Kunsill jappella lill-Albanija biex toqgħod lura milli tistabbilixxi kwalunkwe [...] skema jew [...] miżura [...] bħal leġislazzjoni dwar amnestiji mit-taxxa li tista' tikkomprometti jew iddgħajjef l-allinjament mal-*acquis* u l-politika tal-UE, inkluż il-proċeduri u l-miżuri tal-UE bil-għan tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa.

71. Il-Kunsill jilqa' tajjeb il-fatt li l-proċess ta' **skrutinju** kompli jawnva b'mod kostanti u pproduċa riżultati tanġibbli. Il-Kunsill jilqa' b'ferħ il-vot wiesa' bejn il-partiti dwar l-estensjoni limitata fiż-żmien tal-mandat kostituzzjonali tal-korpi ta' skrutinju u jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet biex jiżguraw it-tlestija ordnata tal-proċess fl-iqsar żmien possibbli. Il-Kunsill jilqa' b'mod pożittiv il-funzjonalità restawrata tal-Qorti Għolja u tal-Qorti Kostituzzjonali.
72. Fir-rigward tad-**drittijiet fundamentali**, il-Kunsill jappella għal sforzi msaħħa biex tiġi implimentata riforma komprensiva tas-settur tal-art u biex jiġu kkonsolidati d-drittijiet tal-proprjetà b'mod trasparenti, fost affarijiet oħra billi jsiru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, billi jiġu indirizzati każijiet ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, u billi jsir progress malajr fil-proċess għar-reġistrazzjoni u l-kumpens. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u jistenna b'interess it-twettiq bla xkiel taċ-ċensiment bi trasparenza sħiħa u f'konformità mal-istandards internazzjonali. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ukoll l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja dwar il-minoranzi u jkompli jħeġġeġ lill-Albanija biex tadotta u timplimenta malajr id-digriet li fadal relatati mal-liġi qafas tal-2017 dwar il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali, f'konformità mal-istandards Ewropej u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Barra minn hekk, il-Kunsill ikompli jappella lill-Albanija biex tagħmel progress tanġibbli dwar il-**libertà tal-espressjoni**. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġi żgurat li kwalunkwe emenda għal-liġi dwar il-media tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u mal-istandards internazzjonali, jekk il-liġi tiġi kkunsidrata ulterjorment mill-parlament.

73. Il-Kunsill jieħu nota li sar progress limitat fir-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika** u jħeġġeġ lill-Albanija biex tkompli bi sforzi determinati f'dan il-qasam. Il-koordinazzjoni fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika teħtieġ titjib b'mod partikolari għall-integrazzjoni tal-proċessi tal-ippjanar tal-politika u tal-ibbaġitjar. It-twaqqif ta' aġenziji ġodda jeħtieġ li jkun proċess inklużiv, u dawn għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli u bilanċi.

74. Fir-rigward tal-**migrazzjoni**, il-qafas legali tal-Albanija huwa fil-biċċa l-kbira allinjat mal-acquis tal-UE iżda jeħtieġ li jiġi aġġornat. L-għadd totali ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi ppreżentati minn ċittadini Albaniżi fl-UE żdied b'mod sinifikanti fl-2021. Dan jeħtieġ li jiġi mmonitorjat mill-qrib u indirizzat mill-awtoritajiet Albaniżi. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Albanija tissodisfa l-impenn tagħha li tallinja ruħha mal-**politika tal-UE dwar il-viżi**.
75. Dwar ir-**riformi ekonomiċi**, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tas-suq intern tal-UE u biex tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni.
76. Il-Kunsill jesprimi sodisfazzjon għall-involviment kostruttiv kontinwu tal-Albanija fil-**kooperazzjoni reġjonali**. Il-Kunsill jilqa' tajjeb ukoll il-fatt li l-Albanija kompliet id-djalogu biex tiżgura **relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, li għadhom essenzjali.
77. Il-Kunsill ifaħħar bis-sħiħ lill-Albanija għall-kooperazzjoni konsistenti tagħha dwar kwistjonijiet ta' politika barranija u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ tagħha mal-**Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni tal-UE**, inkluż mal-miżuri restrittivi tal-UE - sinjal qawwi tal-impenn strateġiku tal-Albanija fi triqitha lejn l-UE. Huwa jilqa' b'mod pożittiv ukoll il-parteċipazzjoni attiva kontinwa tal-Albanija f'missjonijiet u operazzjonijiet taħt il-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni**. Il-Kunsill ifaħħar lill-Albanija għall-impenn attiv tagħha bħala membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fil-promozzjoni u d-difiża tal-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli.

## PROĊESS TA' STABILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI

### **BOŻNIJA-HERZEGOVINA**

78. Il-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022 esprima r-rieda tiegħu li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Bożnija-Herzegovina u għal dak il-għan stieden lill-Kummissjoni tirrapporta mingħajr dewmien lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-14-il prijorità ewlenija stabbiliti fl-opinjoni tagħha b'attenzjoni speċjali għal dawk li jikkostitwixxu sett sostanzjali ta' riformi sabiex il-Kunsill Ewropew jerġa' lura biex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Kunsill jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lill-Bożnija-Herzegovina, bil-fehim li jittieħdu għadd ta' passi sabiex jissaħħu l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u d-drittijiet fundamentali. Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, il-Kunsill jissottolinja l-urġenza li l-pajjiż jimxi 'l quddiem fil-perkors tiegħu lejn l-UE, b'mod partikolari billi jissodisfa l-14-il prijorità ewlenija kollha biex jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni mal-UE identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għas-sħubija fl-UE kif approvata mill-Kunsill fl-2019. Il-Kunsill jappella wkoll lill-mexxejja politiċi kollha fil-Bożnija-Herzegovina biex jimplimentaw b'mod rapidu l-impenji stabbiliti fil-ftehim li ntlaħaq fit-12 ta' Ġunju 2022 u jiffinalizzaw b'mod urġenti r-riforma kostituzzjonali u elettorali f'konformità mal-prijoritajiet ewlenin.
79. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali fil-Bożnija-Herzegovina fit-2 ta' Ottubru 2022. Skont is-sejbiet preliminari u l-konklużjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-OSKE/ODIHR, b'mod ġenerali l-elezzjonijiet kienu kompetittivi u ġew organizzati sew iżda kienu kkaratterizzati minn nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u minn retorika etnikament diviża. L-iżgurar li l-elezzjonijiet isiru f'konformità mal-istandards Ewropej huwa prijorità ewlenija stabbilita fl-Opinjoni tal-Kummissjoni. L-UE tistenna l-istabbiliment rapidu ta' leġiżlaturi u gvernijiet li jiffunzjonaw sew fil-livell tal-Istat, tal-entitajiet u dak kantonali sabiex l-attenzjoni titqiegħed fuq ir-riformi fil-perkors lejn l-UE.

80. Il-Kunsill ikompli jtenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż waħdieni, magħqud u sovrani.
81. Il-Kunsill ihegġegħ lill-atturi politiċi kollha fil-Bożnija-Herzegovina biex jirrinunzjaw u joqogħdu lura minn retorika u azzjonijiet diviżivi u provokattivi, inkluż milli jqajmu dubji dwar is-sovrani, l-għaqda u l-integrità territorjali tal-pajjiż, u biex itemmu l-glorifikazzjoni ta' kriminali tal-gwerra kkundannati kif ukoll biex jippromwovu b'mod attiv ir-rikonċiljazzjoni.
82. Il-Kunsill jinnota bi tħassib il-progress limitat ġenerali li sar fir-riformi, madankollu jilqa' bi pjaċir il-passi li ttieħdu dan l-aħħar, inkluż: l-adozzjoni ta' emendi għal-liġi dwar l-akkwist pubbliku, l-adozzjoni tal-istrateġija komprensiva dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika mil-livelli kollha tal-gvern, il-ħatra ta' erba' imħallfin biex jimtlew il-postijiet vakanti fl-entità tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Federazzjoni, ir-ratifika ta' diversi ftehimiet, inkluż fuq il-programmi ta' Orizzont Ewropa u Ewropa Kreattiva, u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll progress fl-operazzjonalizzazzjoni tal-kooperazzjoni mal-EUROPOL u l-adozzjoni tal-istrateġija kontra t-terroriżmu.
83. B'referenza għall-mekkaniżmi istituzzjonali li ġew stabbiliti bil-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton, jeħtieġ li l-Bożnija-Herzegovina twettaq aktar riformi kostituzzjonali u elettorali biex tiżgura l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini kollha, b'mod partikolari billi timplimenta l-ġurisprudenza tal-kawża Sejdić-Finci tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal proċess inklużiv ta' riformi kostituzzjonali u elettorali limitati, permezz ta' dialogu ġenwin u f'konformità mal-istandards Ewropej biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni fil-proċess elettorali. Il-Kunsill jissottolinja li ma għandu jittieħed ebda pass leġiżlattiv jew politiku li jrendi l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci u sentenzi relatati tal-QEDB aktar diffiċli jew li jkompli japprofondixxi l-firdiet.

84. Filwaqt li huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' progress, il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Bożnija-Herzegovina biex tindirizza r-riformi li għandhom l-għan li jtejbu l-qafas leġislattiv u istituzzjonali tal-pajjiż biex jikkonforma mar-rekwiżiti tas-sħubija fl-UE, inkluż bl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' programm nazzjonali għall-adozzjoni tal-acquis tal-UE.
85. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir l-emendi leġislattivi li saru fil-liġi dwar l-akkwist pubbliku, filwaqt li jesprimi tħassib li ma sarx progress ulterjuri biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ewlenin tal-Opinjoni u s-sejbiet tar-Rapport ta' Esperti dwar kwistjonijiet tal-Istat tad-Dritt. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-awtoritajiet isaħħu l-istat tad-dritt u jieħdu passi deċiżivi biex isaħħu l-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u l-għlieda kontrihom. Għal dan il-għan, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina biex tadotta emendi ta' integrità għal-Liġi dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli u biex tallinja l-leġislazzjoni tagħha dwar il-kunflitt ta' interess mal-istandards Ewropej. Il-Kunsill ifakkar ukoll fil-ħtieġa li l-Bożnija-Herzegovina tadotta liġi ġdida dwar il-Kunsill Ġudizzjarju u ta' Prosekuzzjoni Għoli u tadotta l-liġi dwar il-Qrati tal-Bożnija-Herzegovina. Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jridu jiġu rispettati b'mod sħiħ.
86. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-qafas leġislattiv u istituzzjonali dwar id-drittijiet fundamentali fil-biċċa l-kbira qiegħed fis-seħħ u jilqa' wkoll l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-inklużjoni soċjali tar-Rom u pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drittijiet ta' persuni LGBTI. Huwa jappella lill-Bożnija-Herzegovina biex tintensifika b'mod sinifikanti l-isforzi ta' riforma dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari billi tistabbilixxi mekkaniżmu nazzjonali ta' prevenzjoni kontra t-tortura u t-trattament ħażin.
87. Il-Kunsill jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress fil-libertà tal-espressjoni u l-media, u s-sikurezza tal-ġurnalisti, u jħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina biex tiżgura li jkun hemm segwitu ġudizzjarju xieraq għal każijiet ta' theddid u vjolenza kontra l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media.
88. Il-Kunsill jistenna lill-Bożnija-Herzegovina twettaq passi essenzjali fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika billi tiżgura servizz ċivili professjonali u depolitiċizzat u approċċ koordinat għall-pajjiż kollu għat-tfassil tal-politika.

89. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-passi pożittivi li ttieħdu biex jittejbu l-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-migrazzjoni, kif ukoll is-sistema tal-ażil tagħha, u jħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tkompli taħdem b'mod deċiżiv sabiex jirnexxilha tindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-Kunsill tal-Ministri adotta proposta leġiżlattiva dwar il-kontroll tal-fruntieri u jħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tadotta l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar il-migrazzjoni, ittejjeb l-allinjament mal-politika tal-UE dwar il-viżi, kif ukoll issaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri u tikkonkludi l-ftehim dwar l-istatus tal-Frontex mal-UE.
90. Dwar ir-riformi ekonomiċi, il-Kunsill huwa mħasseb li l-pajjiż għadu fi stadju bikri fejn jidħol l-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona u f'termini tal-kapaċità tiegħu li jlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Il-Kunsill ifakkar fil-hteġa li tiġi żgurata l-konformità mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA), u li jsiru laqgħat regolari tal-korpi stabbiliti fil-qafas tal-FSA.
91. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tinvolvi ruħha aktar b'mod attiv fil-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajba ta' viċinat.
92. Il-Kunsill jilqa' t-titjib sinifikanti tal-Bożnija-Ħerzegovina fl-allinjament tagħha mal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE li jindika l-impenn tagħha fil-perkors lejn l-UE. Il-Kunsill jappella lill-Bożnija-Ħerzegovina biex ittejjeb aktar ir-rata ta' allinjament tagħha u biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri restrittivi.
93. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir l-estensjoni tal-mandat tal-EUFOR Althea, li tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet fil-Bożnija-Ħerzegovina fiż-żamma ta' ambjent sigur u sikur għaċ-ċittadini kollha.
94. Il-Kunsill itenni li huwa importanti li titkompla l-kooperazzjoni fost l-atturi internazzjonali u jesprimi appoġġ għall-missjoni tar-Rappreżentant Għoli u l-Uffiċċju tiegħu lejn it-twettiq tal-Aġenda 5 + 2.

## KOSOVO<sup>1</sup>

95. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir l-impenn tal-Kosovo li jkompli fil-perkors Ewropew tiegħu u jtenni l-importanza li titkompla l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) bejn l-UE u l-Kosovo.
96. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir iż-żamma ta' progress fir-rigward tat-tiżiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni ġenerali tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti. Huwa jappella lill-Kosovo biex ikompli jintensifika l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Fil-qasam tal-ġudikatura, il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex itejjeb l-implimentazzjoni tal-ġhodod eżistenti biex jitħarsu l-integrità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, inkluż permezz ta' bidliet leġiżlattivi xierqa, u jilqa' l-impenn tal-gvern li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u li jikkoopera mal-UE. Il-Kosovo għandu jkompli jfittex riforma tal-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li jżid l-isforzi biex jistabbilixxi servizz ċivili professjonali, responsabbli u orjentat lejn iċ-ċittadini, f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali.
97. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex jindirizza n-nuqqasijiet rikorrenti fil-proċess elettorali u biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet relatati tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE qabel l-elezzjonijiet li jmiss li għandhom isiru fl-2025. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-ħolqien mill-Assemblea ta' kumitat *ad hoc* b'diversi partiti biex jaħdem fuq dawn ir-riformi. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-partiti politiċi kollha jaħdmu flimkien biex jissaħħaħ aktar ir-rwol leġiżlattiv tal-Assemblea, kif ukoll ir-rwol ta' sorveljanza tagħha, u biex jagħtu prijorità lil leġiżlazzjoni ewlenija, b'mod partikolari dwar riformi relatati mal-UE, li fir-rigward tagħhom għandu jintalab appoġġ minn diversi partiti.
98. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-kundanna qawwija mill-Kosovo tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-orjentazzjoni ġeostrateġika ċara tiegħu kif ukoll l-allinjament volontarju tiegħu mal-miżuri restrittivi tal-UE u t-tkomplija tal-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari kontra r-Russja u l-Belarussja.

---

<sup>1</sup> Asterisk u nota f'qiegħ il-paġna inklużi fix-chapeau

99. Il-Kunsill jinnota li l-ekonomija tal-Kosovo esperjenzat irkupru ekonomiku qawwi wara l-pandemija iżda li l-prospettiva tat-tkabbir fl-2022 marret għall-aġġar. L-isfidi ekonomiċi globali attwali jenfasizzaw il-ħtieġa li jkomplu jiġu indirizzati l-problemi strutturali li ilhom jeżistu, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-enerġija iżda wkoll in-nuqqas ta' diversifikazzjoni ekonomika, id-dipendenza fuq flussi finanzjarji esterni u l-ekonomija informali mifruxa, kif ukoll l-isfidi fil-qasam tal-istat tad-dritt, inkluż il-korruzzjoni.
100. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex japprova mingħajr dewmien strateġija tal-enerġija ambizzjuża u li tħares 'il quddiem u biex iżid is-sehem ta' sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tiegħu. Huma meħtieġa sforzi sostnuti biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, jiġu diversifikati s-sorsi, jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, u jiġu żviluppati networks tal-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.
101. [Il-Kunsill jappoġġa l-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Kosovo u jirrikonoxxi l-importanza tagħha għaċ-ċittadini tal-Kosovo. Il-Kunsill jistenna b'interess in-negozjati rapidi u b'suċċess mal-Parlament Ewropew rigward l-emendi meħtieġa fir-Regolament (UE) 2018/1806]
102. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kosovo biex jagħmel sforzi addizzjonali biex jimplementa bis-siġħ il-qafas legali dwar id-drittijiet fundamentali, f'konformità mal-istandards Ewropej, kif ukoll biex itejjeb il-koordinazzjoni u s-sorveljanza. Għad hemm xi jsir b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-protezzjoni sħiħa tal-wirt kulturali u reliġjuż, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn komunitajiet mhux maġġoritarji, inkluż ir-Rom u l-Ashkali, il-persuni spustati, u l-persuni LGBTI, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-prattika. Il-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem eżistenti jeħtieġ li jissaħħu aktar.

103. Dwar id-Djalogu ffaċilitat mill-UE, il-Kunsill jilqa' bi pjaċir il-kontinwazzjoni tad-Djalogu, u jfaħħar lir-Rappreżentant Għoli u r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħra tal-Balkani tal-Punent għall-impenn tagħhom. Il-Kunsill jistenna li l-Kosovo jinvolvi ruħu fid-Djalogu ffaċilitat mill-UE in bona fide u fl-ispirtu ta' kompromess biex jinkiseb ftehim legalment vinkolanti komprensiv mas-Serbja dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-acquis tal-UE mingħajr aktar dewmien. Dan il-ftehim għandu jindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha u jikkontribwixxi għall-istabbiltà reġjonali. Dan huwa kruċjali sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu javvanzaw fil-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-Ewropa. Il-Kunsill itenni l-aspettattiva qawwija tiegħu li l-ftehimiet kollha tal-passat jiġu rispettati u implimentati b'mod sħiħ mingħajr dewmien, u li l-Partijiet jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv biex isolvu t-tilwim bilaterali kollu tagħhom. Il-Kunsill jappella liż-żewġ Partijiet biex joqogħdu lura minn azzjonijiet unilaterali u provokattivi li jistgħu jwasslu għal tensjonijiet u vjolenza, u minn retorika li ma twassalx għal djalogu. Il-Kunsill ifakkar liż-żewġ Partijiet fir-responsabbiltà kondiviża tagħhom li jiżguraw il-paċi u l-istabbiltà.
104. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-ħidma tal-Awli Speċjalizzati għall-Kosovo u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat u l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tagħhom. Iż-żamma ta' kooperazzjoni sħiħa mill-Kosovo biex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-mandat tagħhom hija dimostrazzjoni importanti tal-impenn tal-Kosovo għall-istat tad-dritt u biex itemm l-impunità.
105. Il-Kunsill iħegġegħ lill-Kosovo biex jiżviluppa strateġija għall-ġustizzja tranżizzjonali, inkluż approċċ komprensiv biex jindirizza l-imgħoddi tiegħu. Il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jsir aktar progress fid-djalogu intern.
106. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kosovo mal-missjoni EULEX, kif ukoll ma' atturi internazzjonali rilevanti oħra.
107. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet ta' viċinat tajbin u jħegġegħ lill-Kosovo biex jinvolvi ruħu b'mod attiv u kostruttiv f'attivitajiet ta' kooperazzjoni reġjonali.